MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (SEDE CIVILI) MALTA

**MAGISTRAT DR.**
**MELI SILVIO LL.D., DIP. STUD. REL., DIP. CAN. MATR. JUR. & PROC., CERT. JUR. & H.R. (STRASBOURG), P.G. DIP. EUROPEAN COMPETITION LAW (KING'S COLLEGE, LONDON), P.G. DIP. EUROPEAN LAW (KING'S COLLEGE, LONDON)**

Seduta ta' 02 ta' Ottubru, 2002

Avviz Numru. 682/2001/1

**Carol Calleja**

**vs**

**Saviour sive Silvio Muscat**
**Martin Borg**

**Il-Qorti,**

**Rat l-avviz fuq indikat datat is-17 ta' Lulju tas-sena 2001 li permezz tieghu l-attur sejjah lill-konvenuti quddiem din il-qorti sabiex jghidu ghaliex m'ghandhomx ikunu kkundannati:**

**1. Ihallsu s-somma ta' hamest elef lira Maltin (Lm5,000) rapprezentanti bilanc ta' somma akbar dovut mill-konvenuti ta' kumpens ta' sehmu**

**minn joint venture fil-forn 80, Fawwara Lane, Sliema li ghalih assumew responsabbilita’ l-istess konvenuti;**

**2. Bl-ispejjez kontra l-konvenuti u bl-interessi mid-data tal-prezentata ta’ dan l-avviz, liema konvenuti huma ngunti ghas-subizzjoni;**

**Rat in-nota ta’ l-eccezzjonijiet datata l-15 t’Ottubru tas-sena 2001 li permezz taghha l-konvenuti eccepew is-segwenti:**

**1. Illi l-allegazzjonijiet ta’ l-attur huma nfondati fil-fatt u fid-dritt stante li l-ebda ammont ma hu dovut mill-konvenuti;**

**2. Illi ghalhekk it-talbiet tal-attur ghandhom jigu michuda, bl-ispejjez kontra l-istess attur;**

**3. Salv eccezzjonijiet ulterjuri;**

**Semghet ix-xhieda prodotta;**

**Rat id-dokumenti esebiti;**

**Semghet it-trattazzjoni orali tar-rapprezentanti legali tal-partijiet;**

**Ikkonsidrat:**

**Illi l-fatti li taw lok ghall-proceduri odjerna jistghu jigu sintetikament kompilati bil-mod segwenti:**

**1. Illi l-partijiet kollha involuti f’din il-kawza flimkien ma certu Brian Coghlan, kienu f’xi perjodu involuti f’intrapriza kummercjali li kellha l-iskop li tiggestixxi forn;**

**2. Illi s-somma originali li kien investa l-attur Calleja f’din l-intrapriza kienet tammonta ghall-ghaxart’elef erba’ mija u sitta u sittin Lira Maltin,**

**(Lm10,466.00,0), meta dan l-istess attur waqqaf din l-intrapriza ma l-imsemmi Coghlan;**

**3. Illi ma dawn l-ewwel zewg protagonisti f'din l-intrapriza kien lahaq iddahhal ukoll il-konvenut Muscat;**

**4. Illi wara xi zmien l-attur Calleja ghazel li johrog minn din l-intrapriza, u ippretenda li jithallas l-ammont minnhu investit fiha;**

**5. Illi in effetti minflok l-attur Calleja ddahhal il-konvenut Borg li permezz ta' cheque hallas in parte l-ammont gia' investit mill-attur;**

**6. Illi l-intrapriza ghad fadlilha ghalhekk tirrifondi d-differenza rimanenti, ekwivalenti ghal hames t'elef Lira Maltin, (Lm5,000.00,0), lill-imsemmi Calleja;**

**7. Illi ghalkemm kien allegat fl-atti li l-konvenuti gia' hallsu l-ammont dovut lill-attur, dawn qatt ma ssosstanzjaw dan bid-dokumentazzjoni dovuta;**

**8. Illi l-istess Coghlan fuq indikat kien biss qed jippresta s-servizzi tieghu fl-intrapriza;**

**Ikkonsidrat:**

**Illi ghalhekk hu assodat li l-attur Calleja mhux biss kien strumentali fit-twaqqif ta' l-intrapriza de quo izda li effettivament investa ammont sostanzjali fiha;**

**Illi di piu', l-konvenuti hallsu lill-attur biss ftit aktar minn nofs l-ammont minnhu investit u ghad ghandhom jghamlu tajjeb ghad-differenza;**

**Ghaldaqstant, filwaqt li tirrispingi l-eccezzjonijiet sollevati mill-konvenuti, tilqa' t-talbiet attrici u konsegwentement:**

**1. Tiddikjara li l-konvenuti Saviour sive Silvio Muscat u Martin Borg ghandhom ihallsu lill-attur Carol Calleja l-ammont ta’ hames t’elef Lira Maltin (Lm5,000.00,0), bilanc minn somma akbar dovuti lill-attur, bl-ispejjez u l-interessi legali skond il-ligi.**

**John Farrugia**
**Deputat Registratur**